MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2013

Numru. 1005/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**

**VS**

**GUZEPPI MAGRI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Guzeppi Magri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 739945 (M).

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

Akkuzat talli nhar it-28 ta` Settembru, 2012, u fis-sentejn ta` qabel din id-data gewwa Luna Blocks fi Triq il-Gdida, Hal Luqa, u f’dawn il-gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara llill-propjeta` ta` Mary u Francesco Saverio Darmanin u/jew persuni ohra liema valur tal-hsara ma jeccedix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

U aktar talli fl-istess zminijiet postijiet u cirkostanzi kkaguna lil Mary u Francesco Saverio Darmanin, biza` li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta` taghhom jew kontra li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta` taghhom jew kontra l-propjeta` ta` xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 (1);

U aktar talli fl-istess zminijet, postijiet u cirkostanzi bl-agir tieghu kkaguna fastidju lil Mary u Francesco Saverio Darmanin u/jew persuni ohra;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta` htija meta tidrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta` Luke Vella jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena turbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta` somma ta` flus li tigi ffissata mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi f’kaz ta` htija tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna offiza jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta` protezzjoni tal-persuna leza jew individwi ohra minn fastidju jew

imgieba ohra li tikkaguna biza` ta` vjolenza, tohrog ordni ta` protezzjoni kontra l-akkuzat u dan ai termini tal-Artikolu 412C.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Il-Qorti rat il-Fedina Penali tal-imsemmi Guzeppi Magri;

Rat l-artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 325 (1) (b), 251A u 251 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll Artikolu 222 Sub 1 u Artikolu 383 tal-istess Kapitolu.

Il-Qorti, rat l-atti, semghet ix-xhieda, innotat l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, u taht dawn ic-cirkostanzi ssib lil-imputat hati kif akkuzat.

Rigwardanti l-piena, din il-Qorti hadet in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, innotat il-kooperazzjoni tal-imputat mal-awtoritajiet investigattivi, l-ammissjoni bikrija, l-apologija li ghamel lill-Parte Civile u lill-Qorti u l-hlas tad-danni sofferti lill-Parte Civile.

Din il-Qorti taht dawn ic-cirkostanzi thoss illi piena karcerarja f’dan il-kaz ma kinitx opportuna, u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa tmintax (18) il-xahar mil-llum u dan a tenur tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti qieghda wkoll, a tenur tal-Artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat sabiex bl-ebda mod ma jkellem jew idejjaq jew jimmolesta lil Mary u

Francesco Saverio Darmanin ghal kwalsiasi raguni u dan ghal perjodu ta’ sena (1)  taht piena ta’ hames mitt ewro (€500) fin-nuqqas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------